

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/243

tat-13 ta' Frar 2020

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tleltax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċji migratorji tal-annimali selvaġġi rigward proposti minn diversi partijiet biex jiġu emendati l-Appendiċi għal dik il-Konvenzjoni, u dwar l-irtirar ta' riżerva notifikata lil dik il-Konvenzjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċji migratorji tal-annimali selvaġġi (il-“Konvenzjoni”) ġiet konkluża mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE <sup>(1)</sup> u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1983.
- (2) Skont l-Artikolu XI tal-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni (il-“Konferenza tal-Partijiet”) tista' tadotta deċiżjonijiet biex jiġu emendati l-Appendiċijiet għall-Konvenzjoni.
- (3) Il-Konferenza tal-Partijiet, waqt it-tleltax-il laqgħa tagħha mill-15 sat-22 ta' Frar 2020, ser tadotta deċiżjonijiet biex l-Appendiċijiet għall-Konvenzjoni jiġu emendati.
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet, billi d-deċiżjonijiet li jemendaw l-Appendiċijiet għall-Konvenzjoni ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (5) L-Unjoni ppreżentat proposti għall-inklużjoni tal-ispeċi *Tetrax tetrax* fl-Appendiċi I għall-Konvenzjoni u tal-ispeċi *Galeorhinus galeus*, *Tetrax tetrax* u *Sphyrna zygaena* fl-Appendiċi II għall-Konvenzjoni. Dawn l-emendi proposti ma jkunu jeħtieġu l-ebda bidla fil-liġi tal-Unjoni.
- (6) Partijiet oħrajn għall-Konvenzjoni ppreżentaw proposti rigward l-inklużjoni ta' *Elephas maximus indicus*, *Panthera onca*, *Ardeotis nigriceps*, *Houbaropsis bengalensis bengalensis*, *Diomedea antipodensis* u *Carcharhinus longimanus* fl-Appendiċi I għall-Konvenzjoni u rigward l-inklużjoni ta' *Panthera onca*, *Ovis vignei* u *Sphyrna zygaena* (popolazzjoni reġjonali li tinsab tul iż-Żoni Ekonomiċi Esklussivi tal-Brażil, tal-Urugwaj u tal-Arġentina u fl-ilmijiet internazzjonali li jmissu magħhom) fl-Appendiċi II għall-Konvenzjoni.
- (7) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-proposta tagħha stess biex tinkludi l-popolazzjoni globali tas-*Sphyrna zygaena* fl-Appendiċi II għall-Konvenzjoni, bi preferenza għall-proposta ppreżentata minn parti oħra għall-Konvenzjoni biex tinkludi biss il-popolazzjoni reġjonali li tinsab tul iż-Żoni Ekonomiċi Esklussivi tal-Brażil, tal-Urugwaj u tal-Arġentina u fl-ilmijiet internazzjonali li jmissu magħhom.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE tal-24 ta' Ġunju 1982 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċje migratorji tal-annimali selvaġġi (ĠU L 210, 19.7.1982, p. 10).

- (8) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-proposti l-oħra kollha minħabba li huma bbażati fuq ix-xjenza, f'konformità mal-impenn tal-Unjoni favur il-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-bijodiversità f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, u f'konformità mad-deċiżjonijiet meħuda fil-Konferenza tal-Partijiet għal dik il-Konvenzjoni.
- (9) L-Unjoni mhijiex stat ta' medda għall-ispeċi *Elephas maximus indicus*, *Ardeotis nigriceps* u *Houbaropsis bengalensis bengalensis*, u għalhekk iż-żieda ta' dawn l-ispeċi fl-Appendiċi I għall-Konvenzjoni ma tkun teħtieġ l-ebda bidla fil-liġi tal-Unjoni.
- (10) L-Unjoni mhijiex stat ta' medda għall-ispeċi *Ovis vignei*, u għalhekk iż-żieda ta' din l-ispeċi fl-Appendiċi II għall-Konvenzjoni ma tkun teħtieġ l-ebda bidla fil-liġi tal-Unjoni.
- (11) L-ispeċi *Panthera onca* sseħħ fl-Unjoni biss fil-Guyana Franċiża, li taqa' 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE<sup>(?)</sup>, minħabba li tapplika biss għat-territorju Ewropew tal-Istati Membri li għalihom japplika t-Trattat. Il-protezzjoni tal-ispeċi fil-Guyana Franċiża, inkluż tal-*Panthera onca*, hija żgurata bis-saħħa tal-leġislazzjoni nazzjonali. Iż-żieda ta' din l-ispeċi fl-Appendiċi I għall-Konvenzjoni għalhekk ma tkun teħtieġ l-ebda bidla fil-liġi tal-Unjoni.
- (12) L-ispeċi tal-għasfur *Diomedea antipodensis* ma tinsabx fl-Unjoni. Il-Politika Komuni tas-Sajd tal-Unjoni u r-regolamentazzjoni tas-sajd mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd rilevanti joffru l-istrumenti xierqa biex l-Unjoni tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-protezzjoni tagħha. Iż-żieda ta' din l-ispeċi fl-Appendiċi I għall-Konvenzjoni għalhekk ma tkun teħtieġ l-ebda bidla fil-liġi tal-Unjoni.
- (13) Il-Politika Komuni tas-Sajd tal-Unjoni u r-regolamentazzjoni tas-sajd mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd rilevanti joffru l-istrumenti xierqa biex l-Unjoni tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-protezzjoni tal-ispeċi tal-ħut *Carcharhinus longimanus*. Barra minn hekk, is-sajd u ż-żamma ta' din l-ispeċi huma pprojbiti skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124<sup>(?)</sup>. Iż-żieda ta' din l-ispeċi fl-Appendiċi I għall-Konvenzjoni għalhekk ma tkun teħtieġ l-ebda bidla fil-liġi tal-Unjoni.
- (14) Is-sajd u ż-żamma tal-ispeċi *Cetorhinus maximus*, li hija inkluża fl-Appendiċi I għall-Konvenzjoni iżda li fir-rigward tagħha attwalment l-inklużjoni tal-Unjoni għandha riżerva fis-seħħ, huma pprojbiti skont ir-Regolament (UE) 2019/124. L-irtirar ta' din ir-riżerva għalhekk ma tkun teħtieġ l-ebda bidla fil-liġi tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fit-tlettax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għandha tkun li ġejja:

(a) li tiġi appoġġata iż-żieda fl-Appendiċi I għall-Konvenzjoni tal-ispeċi li ġejjin:

- *Tetrax tetrax*,
- *Elephas maximus indicus*,
- *Panthera onca*,
- *Ardeotis nigriceps*,
- *Houbaropsis bengalensis bengalensis*,
- *Diomedea antipodensis*,
- *Carcharhinus longimanus*;

(b) li tiġi appoġġata iż-żieda fl-Appendiċi II għall-Konvenzjoni tal-ispeċi li ġejjin:

- *Tetrax tetrax*,
- *Galeorhinus galeus*,

<sup>(?)</sup> Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

<sup>(?)</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 tat-30 ta' Jannar 2019 li jstabbilixxi għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 29, 31.1.2019, p. 1).

- *Sphyrna zygaena* (popolazzjoni globali),
- *Panthera onca*,
- *Ovis vignei*.

#### Artikolu 2

Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, għandha tikkomunika lid-Depożitarju tal-Konvenzjoni l-irtirar tar-riżerva tagħha rigward l-inklużjoni tas-*Cetorhinus maximus* fl-Appendiċi I għall-Konvenzjoni.

#### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Frar 2020.

Għall-Kunsill  
Il-President  
A. METELKO-ZGOMBIĆ

---